Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru. RGĦ 20/12

**Minuti tal-20 laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 18 ta' Mejju 2012.**

Il-Kumitat Reġjonali Itaqa' fl-4.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); Joseph Sultana (Viċi president) il-membri David Apap, Salvu Borġ, Frans Cauchi, Philip Vella, Charles Said, Anthony Formosa, Mario Azzopardi, Dr Monica Vella, Clint Camilleri u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u peress illi il-minuti tat-19–il laqgħa kienu ntbgħatu minn qabel, ma nqrawx u ġew approvati unanimament.

Saru xi punti mill-minuti;

Rigward minuta 1.3 is-Segretarju Eżekuttiv informa illi is-Sur Joe Tabone mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab għall-lista ta' persuni illi pparteċipaw fl-study visit ġewwa Brussel f'Novembru 2011, kif ukoll l-ispiża nvoluta ta' kull persuna. Is-Segretarju rrisponda bl-informazzjoni mitluba.

Rigward minuta 1.8 il-Viċi President informa illi hu attenda għal dan is-Seminar f'isem ir-Reġjun. Huwa ta rapport qasir tal-laqgħa illi saret u ssuġerrixxa illi għandna nistqasu lir-rappreżentanti ta' Transport Malta sabiex jibgħatu l-preżentazzjoni u tiġi ċirkulata lill-Kunsilli Lokali kollha permezz ta' email.

Rigward minuta 4 is-segretarju nforma illi hu ġab direzzjoni mid-Direttur Ġenerali - Dipartiment tal-Kuntratti fejn talab jekk jistax jiġi negozjat il-prezz. Ir-risposta kienet illi f'din iċ-ċirkustanza il-Kumitat Reġjonali jista' jitlob roħs fuq il-prezz kwotat fl-offerta.

Rigward minuta 6.5 is-segretarju ppreżenta lill-membri bl-istatistika kif provduta mill-uffiċjal awtorizzat. L-istatitika tkopri każijiet tat-tribunal lokali kif ukoll tal-bord ta' petizzjonijiet minn Jannar sa Marzu 2012 peress illi dawn jirriflettu ċitazzjonijiet illi ħarġu sa minn Settembru 2011.

1. **<u>Korrispondenza</u>**

   1.1 Mingħand l-Authorised Officer dwar tabelli neqsin ġewwa Marsalforn. Is-segretarju ntalab illi jiċċekja jekk it-triq taqax ir-responsabilta tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ jew inkella Transport Malta u jinforma sabiex isiru dawn it-tabelli.

2. **<u>Rapport tal-ERY Network Technical Meeting Bordeaux – Annual General Meeting ġewwa Għawdex</u>**

   Is-segretarju ta rapport tal-*European Regions for Youth (ERY) Network Technical Meeting* illi sar f' Bordeaux bejn id-9 u l-11 ta' Mejju 2012. Huwa qal illi għal din il-laqgħa attendew il-President u s-Segretarju. Huwa nforma illi għal din il-laqgħa kien hemm rappreżentanti minn ħames Reġjuni oħra – dawk t' Aquitaine illi ospitaw dan it-technical Meeting, Emilia Romagna, Wielkopolska, Vastra Gotaland, u r-Reġjun t' Għawdex. Minn

naħa tar-Reġjun t' Għawdex ingħatat preżentazzjoni dwar l-Annual General Meeting tal-ERY Network illi ser issir bejn it-18 u 21 ta' Settembru. Hu qal illi d-delegazzjonijiet jkunu magħmula minn ħames persuni kull Reġjun – tnejn jirrapreżentaw ir-Reġjun u tlieta żgħażagħ. It-tema proposta taqbel eżatt mas-sena ewropeja dwar l-anzjanità attiva u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet. Huwa nforma illi għal dan l-AGM hemm l-għajnuna tal-Unjoni Ewropeja kif ukoll qed nippruvaw inġibu fondi lokali.

Il-President issuġerixxa illi l-kunsilli lokali Għawdxin għandhom ikunu parteċipi f'dan l-avveniment u ġie suġġerit illi kull kunsill lokali għandu jinnomina persuni sabiex jissieħbu fl-organizazzjoni ta' din l-attività.

## 3. Approvazzjoni ta' Pagamenti

3.1 Il-Kumitat approva skeda numru 13 illi tammonta għall-€19,101.03 kif annessi ma dawn il-minuti.

## 4. Materji Oħra

4.1 David Apap bħala rappreżentant fuq il-Local Action Group ta rapport ta' l-aħħar żviluppi illi kien hemm dwar il-miżuri 125 illi tikkonċerna passaġġi f'żoni rurali u 313 illi tikkonċerna zoni rurali li jikkontribwixxu għal diversita naturali u kulturali u li għalihom jistgħu japplikaw il-Kunsilli lokali.

4.2 Monica Vella ikkumentat illi wara li saret talba mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija sabiex jużа il-Billboard sabiex jippromwovi attivitajiet kulturali tal-lokalità li hemm ġewwa l-Għadira fil-Mellieħa, il-Ministeru għal Għawdex illi huwa propjetarju ta' din il-Billboard m'aċċettax. Dr Vella ssuġeriet illi il-Kumitat Reġjonali għandu jitlob lill-Ministeru għal Għawdex sabiex din il-billboard tintuża sabiex tippromwovi attivitajiet kulturali tal-Kunsilli lokali Għawdxin. Wara diskussjoni ntlaħaq qbil illi għandha ssir din it-talba.

4.3 Monica Vella saqsiet jekk kienx hemm żvilupp dwar id-dawl fit-toroq u meta dawn ser jiġu devoluti lill-kumitati Reġjonali. Is-segretarju nforma illi huwa mhux infurmat illi sar xi żvilupp f'dan ir-rigward.

4.4 Is-segretarju preżenta kopja tal-*management letter* dwar il-*financial statements* illi jkopru minn Awwissu sa Settembru 2011 kif ukoll ir-risposta minn naħa tal-Kumitat Reġjonali. Is-segretarju u l-President iffirmaw il-kopji.

4.5 Il-President preżenta informazzjoni mingħand kumpanija illi avviċinat il-Kunsill tal-Belt Victoria dwar inizjattiva illi tipjip responsabbli u favur ambjent nadif.

4.6 Is-segretarju nforma illi hu kellu laqgħa mal-avukat Dr Georgine Schembri sabiex jieħu parir ta' kif il-Kumitat Reġjonali għandu jħallas il-kontijiet pendenti mad-Datatrack fejn għandu x'jaqsam l-ammont mhux kontestat. Il-Kumitat Reġjonali qabel illi għandu jipproċedi bil-ħlasijiet tal-ammont mhux kontestat skond il-parir mogħti mill-avukat.

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi<br>President | Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv |